22001D0159

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 159/2001

tal-11 ta' Diċembru 2001

li temenda l-Anness I XVIII (saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, liġi tax-xogħol, u trattament ugwali għan-nisa u l-irġiel) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokol li jemenda l-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2001 tat-28 ta' Settembru 2001 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-salvagwardjar tad-drittijiet ta' l-impjegati f'każ ta' trasferimenti ta' impriża, kummerċ jew partijiet minn impriżi jew kummerċ ([2]) għandu jiddaħħal f'dan il-Ftehim,

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE iħassar id-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE: ta' l-14 ta' Frar 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-salvagwardjar tad-drittijiet ta' l-impjegati f'każ ta' trasferimenti ta' impriża, kummerċ jew partijiet minn impriżi jew kummerċ ([3]), li huwa inkorporat fil-Ftehim u li, b'konsegwenza, għandu jitħassar minn taħt il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi inserit wara l-punt 32c (Direttiva tal-Kunsill 2000/79/KE) ta' l-Anness I XVIII tal-Ftehim:

"32d. **32001 L 0023**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-salvagwardjar tad-drittijiet ta' l-impjegati f'każ ta' trasferimenti ta' impriża, kummerċ jew partijiet minn impriżi jew kummerċ (ĠU L 82, tat-22.3.2001, p. 16)."

Artikolu 2

It-test tal-punt 23 (Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE:) ta' l-Anness I XVIII għandu jitħassar.

([1]) ĠU L 322, tas-6.12.2001, p. 36.
([2]) ĠU L 82, tat-22.3.2001, p. 16.
([3]) ĠU L 61, tal-5.3.1977, p. 26

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva 2001/23/KE fil-lingwi ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom jiġu ppublikati fil-qasam Supplimentari tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2001, jekk in-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsima taż-ŻEE ta', u fil-parti Supplimentari taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

B. GRYDELAND

(*) L-ebda ħtiġijiet konsitituzzjonali m'huma indikati.